# QORTI ĊIVILI – PRIM’AWLA

## ONOR. IMĦALLEF DR. MIRIAM HAYMAN LL.D.

**Rikors Ġuramentat Nru.: 19/2020 MH**

**Illum, 15 ta’ Jannar, 2021**

**Faces Displays Limited (C-28824)**

**vs**

**Ionic Systems Limited (02650947)**

**Il-Qorti**

Rat **ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta’ kummerċjali attriċi tat-8 ta’ Jannar 2020** li permezz tiegħu esponiet:

*“Tesponi bir-rispett u Vince Farrugia, Direttur, detentur tal-karta tal-identità numerata 679652 (M) fil-kwalita’ tiegħu ta’ rappreżentant ġuridiku tal-kumpanija attriċi bil-ġurament tiegħu jiddikjara li hu jaf is-segwenti fatti personalment –*

*Illi l-partijiet daħlu f’diskussjonijiet għal komprovendita konsistenti fil-forniment, installazzjoni u l-ikkummissjonar ta’ Water Filtration System f’Malta, liema magna kienet maħsuba għat-tindif professjonali u kummerċjali tal-ħġieġ li ġġib l-isem ta’ ‘Ionic Zero PPB’. Din il-magna mekkanikament tiffiltra ilma li hu*

*provvist mill-main pubbliku permezz ta' sistema ta' filtrazzjoni miġbura fi proċess ta' żewġ stadji ta' Reverse Osmosis u Deionisation li jiffiltra l-ilma għal żero parts*-per-million *(PPM). Id-diżinn u l-ispeċifikazzjoni tas*-sistema *tvarja* skont *il-kwalita' tal-provviżjoni tal*-ilma u *tal*-produzzjoni *tal*-volum *tal*-ilma *ffiltrat meħtieġ. L-ilma ppurifikat jintuża mbagħad sabiex inaddaf b'mod effikaċi materjali magħmula minn ħġieġ mingħajr il-bżonn ta' deterġenti addizzjonali jew prodotti ta' tindif;*

*Illi s-soċjeta' rikorrenti għamlet l-ewwel stħarriġ permezz tas*-sit elettroniku *tas-soċjeta' konvenuta* <u>http://www.ionicsystems.com</u> *b'riferenza għall*-apparat *su riferit u esprimiet l-interess tagħha illi tirċievi* r-rakkomandazzjoni professjonali u *l-offerta tas-soċjeta' konvenuta bbażata fuq il-ħtieġa tas-soċjeta' rikorrenti permezz ta' korrispondenza b'email datata t-8 ta' Novembru 2018 anness u mmarkata bħala* **Dok. A.** *F'dan l-istħarriġ, is-soċjeta' rikorrenti spjegat l-attivitajiet, il-ħtiġiet, il*-post *u l-użu. Kien mifhum mill*-bidu illi *s-sors tal-ilma* kellu jkun provvist *mis-sistema ta' distribuzzjoni nazzjonali u li l*-installazzjoni *kellha sseħħ f'Malta;*

*Illi numru ta' mistoqsijiet u kjarifiċi qamu bejn il-partijiet kif jemerġi minn skambju ta' emails tat-8 ta' Novembru sat-23 ta' Novembru 2018 (***Dok. B)***;*

*Illi wara dan il-proċess ta' evalwazzjoni, is-soċjeta' konvenuta rrakomandat żewġ sistemi differenti f'konformita' mar-rekwiżiti speċifiki u l-eżiġenzi tas-soċjeta' rikorrenti. Ir-rikorrenti għażlet l-iżjed sistema effiċjenti, teknoloġikament avvanzata u l-aktar għalja bejn it-tnejn;*

*Illi l-effiċjenza ta' dawn is-sistemi ta' ffiltrar tal*-ilma hi mkejla primarjament *permezz tal-ispejjeż ġenerali ta' konsum għal kull litru ta' ilma ffiltrat. Is*-sostituzzjoni *tal-membranes , filtri oħrajn u parts jirrapreżentaw proporzjoni kbira tal-ispejjeż ġenerali ta' konsum. Għal dan il-għan, ir-rikorrenti talbet lis-soċjeta' konvenuta li tinkludi fl-offerta tagħha r-rimpjazzament ta' sena sħiħa fir-*

*rigward tal-provvista tal-attrezzatturi sabiex tinżamm rata' ta' produzzjoni stabbli ta' 2,000litri għal kull ġurnata. Email minn Damian Whittaker datata t-22 ta' Novembru, 2018 kienet tirreferi għall-offerta 'Enough replacement filters for a year'. Ir-replacement parts kienu eventwalment ġew inklużi fil-bejgħ finali u huma individwalment ipprezzati;*

*Illi sussegwentement, u kif jirriżulta minn* ***Dok. Ċ,*** *ir-rikorrenti aċċettat l-offerta finali tal-konvenut riferibilment għall-forniment, installazzjoni u l-ikkummissjonar għall-prezz ta' Liri Sterlini 21,449.50, liema somma kienet tinkludi l-provvista ta' replacement parts matul sena ta' operazzjoni, numru ta' għodda anċilljari ta' tindif u tagħmir;*

*Illi wara l-konferma tal-order b'mod elettroniku is-soċjeta' rikorrenti ttrasferiet d-depożitu nhar it-28 ta' Novembru 2018 skont il-fattura* ***(Dok. D)*** *li ntbgħatet minn Damian Whittaker nhar it-23 ta' Novembru 2018. Is-Sur Whittaker bgħat sales confirmation order permezz ta' email nhar it-30 ta' Novembru 2018, ftit wara ma s-soċjeta' konvenuta kienet irċeviet il-ħlas b'depożitu. Din l-email kienet tinkludi termini u kondizzjonijiet standard tal-bejgħ* ***(Dok. E),*** *liema termini u kondizzjonijiet qatt ma kienu ġew ffirmati mis-soċjeta' rikorrenti u ntbgħatu wara li sar il-ħlas;*

*Illi s-soċjeta' konvenuta infurmat lir-rikorrenti illi l-merkanzija kienet lesta sabiex tiġi konsenjata nhar it-13 ta' Frar 2019 u l-bilanċ rimanenti kien ġie sanat b'trasferiment nhar il-15 ta' Frar 2019. L-engineer tal-konvenut, Scott Kelly wasal fil-post tar-rikorrenti nhar it-2 ta' April 2019 u kellu l-inkarigu li jieħu ħsieb l-installazzjoni u l-commissioning tas-sistema li kienet proġettata għat-tlestija sal-5 ta' April 2019;*

*Illi numru ta' difetti u nuqqasijiet fis-sistema ġew rapportati li madanakollu immedjatament wara ġew minimizzati mis-soċjeta' konvenuta. Il-ħażna sħiħa ta' mudell partikolari ta' filtru li kienet tikkomporta l-aħħar stadju ta' filtrazzjoni*

*maħsuba li ddum sa' żmien sena ġiet kkonsmata fi żmien tlett ijiem mill-ittestjar sal-punt illi l-imsemmi engineer, Scott Kelly ma setax jikkummissjona b'suċċess is-sistema tal-apparat fiż-żmien li huwa ġie biex jitlaq;*

*Illi numru ta' filtri u partijiet addizzjonali kienu intbgħatu fl-erba' ġimgħat segwenti fejn l-engineer tas-soċjeta' konvenuta remotament ipprova jiddentifika l-problema. Għalkemm rnexxielu jiffiltra l-ilma għal livelli mixtieqa, l-oġġetti ta' konsum (consumables) li kienu maħsuba li jservu għal żmien sena kienu qiegħdin jiġu rimpjazzati kull ġimgħa b'tali mod li dan kien qiegħed irendi s-servizzi finanzjarjament insostenibbli;*

*Illi permezz ta' email ta' Damian Whittaker nhar it-2 ta' Mejju 2019, is-soċjeta' konvenuta rrikonoxxiet li l-prodott ma kienx tajjeb għall-użu f'Malta minħabba l-kwalita' tal-provvista tal-ilma u bħala soluzzjoni s-soċjeta' konvenuta offriet li tanalizza l-kwalita' tal-ilma f'Malta u pproponiet modifika fis-system filtration design u sizing għall-ħlas addizzjonali;*

*Illi minkejja li l-problema kienet ittaffiet xi ftit, il-proċess xorta baqa ekononikament mhux viabbli;*

*Illi għalhekk il-prodott fornit ma kienx tal-kwalita' pattwita;*

*Illi wara diversi tentattivi sabiex ikun hemm ftehim bonarju mas-soċjeta' intimata, is-soċjeta' attriċi ma rnexxiliex tikseb rimedju aċċettabbli mis-soċjeta' intimata;*

*Illi permezz ta' interpellazzjoni formali tat-13 ta' Ġunju 2019 (**Dok. F**), is-soċjeta' intimata ġiet imsejħa tagħmel tajjeb għall-ispejjeż inkorsi mis-soċjeta' esponenti marbutin max-xiri, trasport, installazzjoni u żarmar tal-makkinarju ammontanti għall-valur totali ta' wieħed u tletin elf seba' mija sitta u ħamsin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€ 31,756.77) ġja tmienja u għoxrin elf u seba' mitt Sterlina Ingliża (£ 28,700) kif ukoll sabiex tieħu lura l-istess makkinarju, iżda madanakollu s-soċjeta' intimata baqgħet inadempjenti;*

*Illi għalhekk kellha ssir din il-kawża;*

*Għaldaqstant, tgħid is-soċjeta' intimata għaliex dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tiddikjara li l-apparat li jiffiltra l-ilma tat-tip 'reverse osmosis' bl-isem ta' Ionic Zero PPB Static System ma huwiex tal-kwalita' pattwita bejn il-partijiet;*

2. *Konsegwentement tordna li l-ftehim milħuq bejn is-soċjeta' intimata u s-soċjeta' rikorrenti għax-xiri tal-apparat li jiffiltra l-ilma tat-tip 'reverse osmosis' bl-isem ta' Ionic Zero PPB Static System jiġi rexiss għar-raġunijiet premessi;*

3. *Tikkundanna lis-soċjeta' intimata tirrifondi lis-soċjeta' rikorrenti l-ammont ta' wieħed u tletin elf seba' mija sitta u ħamsin Ewro u seba' u sebgħin ċenteżmu (€ 31,756.77) ġja tmienja u għoxrin elf u seba' mitt Sterlina Ingliża (£ 28,700);*

4. *Tordna lis-soċjeta' intimata tħallas lis-soċjeta' rikorrenti għall-ispejjeż inkorsi minnha in konnessjoni mad-depożitu tal-apparat de quo taħt l-awtorita' ta' din l-Onorabbli Qorti u għall-assikurazzjoni tal-istess apparat fil-mori ta' dawn il-proċeduri.*

*Bl-ispejjeż u bl-interessi legali mid-data tan-notifika lis-soċjeta' intimata ta' dawn il-proċeduri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-soċjeta' intimata li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda u d-dokumenti annessi mar-rikors ġuramentat.

Rat illi s-soċjeta' konvenuta debitament notifikata ma ntavolat ebda risposta u għalhekk ġiet kontumaċi.

Rat il-provi mressqa mill-attriċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

**Ikkunsidrat:**

Permezz tal-proċeduri odjerni s-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tiddikjara li apparat li jiffiltra l-ilma mixtri mingħand is-soċjeta' konvenuta ma kienx tal-kwalita' miftehma bejn il-partijiet u għalhekk il-ftehim milħuq bejniethom għandu jiġi rexiss biex b'hekk is-somma ta' €31,756.77 minnha mħallsa għal tali apparat tiġi rifuża lilha.

Il-Qorti tibda billi tissottolinea li nonostante l-fatt li s-soċjeta' konvenuta baqgħet kontumaċi, s-soċjeta' attriċi xorta jeħtiġilha tipprova l-pretensjonijiet tagħha sal-grad rikjest mill-liġi. Infatti kontumaċja mhijiex meqjusa bħala ammissjoni iżda kontestazzjoni tal-pretensjonjiet attriċi u konsegwentement il-vertenza mressqa tinħtieg li tiġi pruvata sal-ġrad li trid il-liġi.

Fil-każ **Helen Miceli et vs Carmelo sive Charles Pisani deċiż fit-28 t'Ottubru 2004**[1] il-Qorti qalet hekk -

[1] Ċit 1761/01

*"Illi, kif ġie deċiż minn dawn il-Qrati għadd ta' drabi, il-kontumaċja m'għandhiex titqies bħala stqarrija jew ammissjoni min-naħa tal-imħarrek għal dak li jkun qiegħed jintalab jew jiġi allegat kontrih mill-parti attriċi: għall-kuntrarju, il-kontumaċja tqieset bħala kontestazzjoni, u l-bdil li sar fil-ligi procedurali fl-artikolu 158 bl-Att XXIV tal-1995 jidher li jtenni din il-fehma. Min naħa l-oħra, l-istitut tal-kontumaċja huwa msejjes fuq il-presuppost li l-imħarrek, bin-nuqqas tiegħu li jwieġeb għax-xilja u t-talba tal-parti attriċi, ikun wera dispett lejn is-sejħa tal-Qorti biex jidher quddiemha, liema dispett il-liġi tħares lejh bħala għamil li jistħoqqlu piena - dik li ma jkunx jista' jindaħal fit-tressiq ta' provi - bħala element ta' disordni soċjali;"*

Kompla jingħad hekk fil-każ **Carmel Schembri et vs Doriane Zerafa deċiż fit-12 ta' Lulju 2001**[2] –

*"Illi huwa prinċipju bażilari fil-ġurisprudenza nostrali li min jallega fatt għandu l-oneru tal-prova tiegħu, u applikat dan il-prinċipju għall-każ odjern ifisser li l-atturi għandhom il-piż li jippruvaw li l-konvenuta kienet responsabbli tal-inċident tal-1 ta' Novembru 1997 f'Triq Guże Pace, il-Ħamrun, meta il-minuri Anthony Schembri safa' investit mill-karozza BAT-563.*

*Illi dan l-istess atturi għandhom l-oneru li jagħmluh nonostante li l-konvenuta baqgħet kontumaċi, stante li l-kontumaċja ma hijiex ammissjoni iżda opposizzjoni, u għalhekk xorta l-atturi jridu jipprovaw l-allegazzjonijiet minnhom vantanti u partikolarment li l-inċident de quo ġara minħabba negliġenza da parte tal-istess konvenuta."*

[2] Ċit 2446/98

Fl-isfond ta' dawn l-insenjamenti tal-ġurisprudenza l-Qorti sejra tgħaddi biex teżamina t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

Fil-qosor, mill-atti rriżulta li s-soċjeta' attriċi hija nkarigata mill-istallazzjoni u ż-żamma f'kundizzjoni tajba l-*bus shelters* f'Malta u Għawdex permezz ta' tindif u manutenzjoni regolari.

Għal dan il-għan hija nteressat ruħha fix-xiri ta' sistema ta' filtrazzjoni tal-ilma bil-għan li tipprovdi tindif professjonali u kummerċjali tal-ħġieġ ta' dawn l-istess bus shelters. Fit-8 ta' Novembru 2018 hija għamlet kuntatt permezz ta' posta elettronika mas-soċjeta' konvenuta permezz ta' liema talbitha rakkomandazzjoni professjonali adattata għall-ħtiġijiet tagħha kif ukoll offerta ta' prezz. Wara numru ta' mistoqsijiet u kjarifiki miż-żewġ naħat, is-soċjeta' attriċi ddeċidiet li tixtri s-sistema *Zer PPB 'S' Static System* u bagħtet il-ħlas lis-soċjeta' konvenuta, li skont il-fattura datata 30 ta' Novembru 2018, kien fl-ammont ta' wieħed u għoxrin elf, erbgħa mija u disgħa u erbgħin lira sterlina u ħamsin xelin, £21,449.50. Fid-dikjarazzjoni ġuramentata tiegħu Vince Farrugia għan-nom tas-soċjeta' attriċi jkompli jgħid li dakinhar stess, apparti din il-fattura ntbagħtulha wkoll it-termini u l-kundizzjonijiet standard tal-bejgħ u li fi kliemu, dawn qatt ma ġew iffirmati mis-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta avżat lil dik attriċi li l-merkanzija kienet lesta biex tiġi konsenjata fit-13 ta' Frar 2019 u l-bilanċ li kien fadal ġie trasferit fil-15 ta' Frar 2019.

Sussegwentement fit-2 t'April 2019 wasal f'Malta l-enġinier tas-soċjeta' konvenuta, Scott Kelly, sabiex jieħu ħsieb l-installazzjoni u l-*commissioning* tas-sistema li kienet intiża li tkun lesta sal-5 t'April 2019. Madankollu, numru ta' difetti u nuqqasijiet fis-sistema ġew rappurtati. Il-ħażna tal-mudell tal-filtru li kienet tikkomporta l-aħħar stadju ta' filtrazzjoni u li kienet maħsuba li ddum sa sena ġiet ikkunsmata fi tlett ijiem minn mindu sar l-ittestjar tant li l-inġinier tas-

soċjeta' konvenuta ma kienx f'qagħda li jikkummissjona b'suċċess l-apparat sakemm huwa ġie biex iħalli Malta.

Fix-xahar ta' wara, aktar filtri u partijiet addizzjonali ntbagħtu Malta u l-inġinier tas-soċjeta' konvenuta pprova jestabilixxi x'kienet il-problema. Huwa rnexxielu jiffiltra l-livelli tal-ilma għall-livelli mixtieqa, madankollu l-*consumables* li suppost kellhom iservu sena kien qed ikollhom jiġu rimpjazzati kull ġimgħa u għalhekk is-servizz li kienet qed tipprovdi s-soċjeta' attriċi kien ser ikun finanzjarjament mhux vijabbli.

Permezz ta' posta elettronika fit-2 ta' Mejju 2019 rappreżentant tas-soċjeta' konvenuta irrikonoxxa li minħabba l-kwalita' tal-provvista tal-ilma f'Malta dan l-apparat ma kienx adattat għall-użu f'pajjiżna. Għalhekk is-soċjeta' konvenuta offriet li tanalizza l-kwalita' tal-ilma f'Malta bil-għan li tinstab soluzzjoni u ppproponiet modifika fid-disinn tas-sistema tal-iffiltrar u d-daqs. Dan versu pagament.

Is-soċjeta' attriċi tgħid li għalkemm kien hemm xi miljoramenti, il-proċess xorta baqa' nsostenibbli finanzjarjament.

Kevin Vassallo, direttur tas-soċjeta' attriċi xehed li l-magna baqgħet ma tistax tintuża u li  ma tistax taħdem biha. Ukoll li qabel ma ġiet intavolata l-kawża odjerna l-magna ġiet debitament depożitata taħt l-awtorita' tal-Qorti. Sal-lum, minkejja li ġiet interpellata biex tagħmel dan, is-soċjeta' konvenuta ma rrifondietx il-ħlas minnha riċevut.

**Ikkunsidrat:**

Fl-ewwel lok il-Qorti jidhrilha li għandha tissolleva *ex officio* l-kwistjoni ta' ġurisdizzjoni rigwardanti l-vertenza odjerna. Dan peress li nnutat li fit-termini u kundizzjonijiet tal-bejgħ tal-apparat in kwistjoni, hemm klawsola marbuta mal-ġurisdizzjoni.

Is-soċjeta' attriċi targumenta li hija qatt ma kienet iffirmat dawn it-termini u kundizzjonijiet u dawn intabgħtulha wara li hija kienet diġa' effetwat il-ħlas. Madankollu l-Qorti tosserva li, fuq ammissjoni tagħha stess, hija rċeviet dawn it-termini u kundizzjonijiet fit-30 ta' Novembru 2018 u f'ebda ħin ma kkontestathom jew in segwitu rtirat mill-ftehim ta' kompro-vendita. Anzi, ftit xhur wara hija aċċettat il-konsenja tal-apparat in kwistjoni u ħallset ukoll il-bilanċ rimanenti. B'hekk is-soċjeta' attriċi hija meqjusa ta li aċċettat ukoll dawk it-termini u kundizzjonijiet hemm stipulati.

**Klawsola 12 tat-termini u kundizzjonijiet tal-bejgħ** tipprovdi hekk –

*"12. Governing Law*

*This contract shall be governed by and construed in accordance with the laws of England and the Buyer agrees to submit to the jurisdiction of the English Courts."*

Il-Qorti tagħmel referenza għall-każ **Cassar Fuels Limited vs AOT Trading AG deċiż fit-28 ta' Novembru 2019** fejn ġiet trattata klawsola simili -

*"Illi l-eċċezzjoni tas-soċjeta' intimata ssib l-oriġini tagħha mill-klawsola bin-numru tnax (12) ta' ftehim milħuq bejn minn naħa l-waħda bħala xerrej – Cassar Fuel Limited u minn naħa l-oħra bħala bejjiegħ - AOT Trading AG. Dan l-ftehim, għalkemm mhux iffirmat stante li rriżulta mill-provi li l-prassi bejn il-partijiet dejjem kienet li jgħaddu korrispondenzi simili bl-użu ta' l-emails, ġie mibgħut minn ċertu J. Tramontano li kien jirrappreżenta lil AOT Trading AG tramite email datata 31 ta' Awwissu, 2012 lis-soċjeta' attriċi Cassar Fuel Limited indirizzata lil Sarah Cassar (a fol. 47 u fol. 48 tal-proċess). Jirriżulta mill-atti, li l-ebda parti ma kkontestat il-validita' tal-ftehim imsemmi. Din il-klawsola relatata tgħid is-segwenti:*

*"12. Law/Arbitration:*

*This contract shall be governed by English Law. Any dispute between the parties or claims arising under, out of or in connection with the agreement shall be referred to and determined by the English High Courts and parties hereto submit themselves to the exclusive jurisdiction of the English Courts without recourse to Arbitration.'*

*Illi din il-klawsola hija pjuttost ċara. Hija tistipula li l-Liġi applikabbli fi kwalunque tilwima li tinħoloq taħt, minn jew b'rabta mal-ftehim għandha tkun il-Liġi Ingliża, u l-Qrati, preċiżament l-English High Courts għandhom ġurisdizzjoni esklussiva.*

*Illi l-Qorti rat li kwistjoni simili dwar kweżit jekk klawsola simili fi ftehim tiżradikax għal kollox il-ġurisdizzjoni ta' dawn il-Qrati, kienet tqajjmet fil-kawża fl-ismijiet* ***Middlesea Insurance Plc pro et noe -vs- Bianchi & Co (1916) Limited*** *deċiża nhar is-27 ta' Frar, 2014 minn din il-Qorti, diversament preseduta, fejn ġie dikjarat kif isegwi:*

*Illi dwar il-kwistjoni tal-inkompetenza tal-Qrati ordinarji minħabba deroga maħluqa minn klawsola ta' ġurisdizzjoni, il-liġi tal-Proċedura tistabbilixxi li l-fatt waħdu li jkun hemm Qorti oħra barranija li jkollha ġurisdizzjoni konkorrenti ma jeskludix minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin. Jidher li dak l-artikolu japplika fejn ikun hemm diġa' kawża dwar l-istess ħaġa jew konnessa magħha li qiegħda tinstema' minn Qorti barranija. Jekk ma jkunx hemm kawża bħal dik diġa` mibdija, jidher li s-setgħa li Qorti Maltija tqis u tisma' l-kawża tiddependi mill-kriterji li normalment isejsu l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin skont l-artikolu 742(1) tal-Kap 12.*

*Iżda kif ġie osservat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-każ fl-ismijiet "****Peter Arrigo noe v Dr. Chris Cilia et. noe****" (PA(JRM) - deċ. fil-11 ta' Diċembru 2003).*

*"Sa minn żmien ilu, il-Qrati tagħna taw għarfien lill-klawsoli ġurisdizzjonali, u dan l-iżjed taħt is-saħħa tal-prinċipju tal-liberta' kuntrattwali tal-partijiet u l-ieħor li pacta sunt servanda, u jiġifieri li jekk parti tkun intrabtet b'patt li kwistjoni kellha titresssaq quddiem qorti jew tribunal partikolari, dik ir-rabta ma setgħetx tintesa jew titwarrab jekk mhux bi qbil bejn kulħadd."*

*Iżda għalkemm kien hemm xi ftit każijiet fejn l-eżistenza ta' klawsola bħal dik wasslet biex il-Qorti qisitha bħala waħda tassattiva li tneħħi l-ġurisdizzjoni tagħha, il-biċċa l-kbira tad-deċiżjonijiet huma fis-sens li l-Qrati Maltin għandhom kull jedd li jeżerċitaw diskrezzjoni jekk iwarrbux il-ġurisdizzjoni tagħhom taħt is-saħħa ta' klawsola bħal dik. Dan il-ħsieb jaqbel sewwa ma' dak li tipprovdi espressament il-liġi tagħna llum, u l-fehma l-iżjed aċċettata hija li klawsola bħal dik ma tistax titfisser bħala li teżawtora għal kollox u minn qabel il-ġurisdizzjoni tal-Qorti li mqar tistħarreġ il-kwistjoni, u fejn, ikkunsidrati ċ-ċirkostanzi, jkun jidher li l-partijiet tassew riedu din il-klawsola". (Vol. XXIV P I p 1067);*

*Fis-sentenza "**PL Edoardo Frendo noe -vs- Dottor Roberto Naudi et noe**", Appell, 9 ta' Diċembru 1935 (Vol. XXIX P I p 1317), ittieħdet il-veduta prattika illi:*

*"allavolja jkun hemm klawsola f'dak is-sens, il-Qrati tagħna għandhom ġurisdizzjoni meta tkun kwistjoni ta' atti ta' avarea, jew ta' verifiki ta' danni li ma tistax issir ħlief hawn Malta; jew almenu ma tistax issir quddiem it-tribunal ta' barra aħjar, u b'anqas spejjeż, u f'anqas żmien milli quddiem it-Tribunal tagħna." Ara wkoll fl-istess sens deċiżjonijiet a Vol. XVII P II p 33; Vol. XXIII P III p 484; "Gerald Bartoli noe -vs- Emanuel Mathioudes noe", Appell Kummerċjali, 29 ta' Lulju 1970);*

*Kif din il-Qorti kif diversament presjeduta irriteniet:*

*"Dan il-kriterju nsibuh abbraċċjat f'bosta ġurisdizzjonijiet oħra. Anzi dawn spiss imorru oltre l-aspett singolari tal-verifika tad-danni. Jitqiesu fatturi bħal konnessjoni diretta, reali u sostanzjali mal-pajjiż ta' l-iskarikazzjoni billi l-provi jistgħu jiġu rakkolti u stabbiliti aħjar, il-fatt tat-trapass taż-żmien, dubji dwar il-motivi tal-parti li teċċepixxi n-nuqqas tal-ġurisdizzjoni, l-ispejjeż involuti u l-kwalita` ta' ġustizzja fil-pajjiż xelt. Ara, fost oħrajn, "The Adolph Warski", 1976; "The El Awria" 1980, "The Pia Veste", 1984. "Materja bħal din hi mħollija fid-diskrezzjoni tal-ġudikant adit mill-każ" ("***Joseph Felice Pace noe v Godwin Abela noe***" - P.A. (PS) - deċ. fit-28 ta' April 2003.*

*Fil-każ Ingliż, The Eleftheria, (1970) ċitat minn Cheshire and North fil-ktieb "Private International Law" il-prinċipji li huma applikati minn Qorti Ingliża rinfaċċjata b'talba mill-vettural għas-soprasessjoni minħabba "exclusive jurisdiction clause" huma:*

*"..(2)The discretion (to stay) should be exercised by granting a stay unless a strong cause is shown for not doing so.(3)The burden of proving such strong cause is on the plaintiff.(4) In exercising its discretion the court should take into account all the circumstances of the particular case.(5) In particular, but without prejudice to (4), the following matters:-(a) in what country the evidence on the issues of fact is situated, or more readily available, and the effect of that on the relative convenience and expense of trial as between the English and foreign courts. (b) Whether the law of the foreign court applies and, if so, whether it differs from English Law in any material respects (c) With what country either party is connected and how closely. (d) Whether the defendants genuinely desire trial in the foreign country or are only seeking procedural advantages. (e) Whether the plaintiffs would be prejudiced by having to sue in a foreign court because they would be (i) deprived of security for their claim; (ii) be unable to enforce any judgment obtained; (iii) be faced*

*with a time bar not applicable in England, or (iv) for political, racial, religious or other reasons be unlikely to get a fair trial."*

*Il-Qrati tagħna stabbilew linja ta' prinċipji gwida li, huma kompatibbli mal-prinċipji enunċjati f'The Eleftheria fuq ċitat.*

*Hekk ad eżempju, joħroġ mir-raġunament tal-Imhallef A. Parnis fis-6 ta' Lulju 1911 fil-kawża "***Giovanni Pace –vs- Gennaro Civitelli noe***":-*

*"La Corte come presieduta ritiene che quella clausola nel commercio marittimo deve essere attesa quando colla stessa non venisse recato un grave pregiudizio al caricatore o ricevitore nel senso che il rinviarlo innanzi al tribunale del compartimento al quale appartiene il vapore lo metterebbe nella impossibilita` di proseguire la causa, e quando per la natura delle circostanze per le prove da essere addottati, l'esercizio dell'azione in queste Isole importerebbe economia di spese e non sarebbe pregiudizievole alla difesa per parte del vapore e dei suoi proprietari. In altri termini la clausola escludente la competenza del tribunale e` soggetta ad eccezioni, avuto riguardo alla circostanza ed avuto riguardo al fine pel quale quella clausola e` stata introdotta."*

*Illi kif ġie ritenut fil-kawża "***Dr. Michael Scriha nomine vs Il Pamento Limited***" (P.A. RCP. 9 ta' Jannar 2001) l-ġurisprudenza nostrali hija konsistenti u tipprovdi, kif ingħad inter alia fis-sentenza "***John Galdes nomine vs Joseph Bowman nomine***" (K. F. 21 ta' Ġunju 1993) li:-*

*"Illi skont l-evoluzzjoni fid-dottrina li temani mill-ġurisprudenza lokali jidher li tali kwalsoli bħal dik iċċitata 'supra' huma legalment validi pero' m'humiex assoluti dejjem. Di fatti f'numru ta' każi l-Qrati irritenew li nonostante tali klawsola, xorta għandhom ġurisdizzjoni in kwantu u limitatament għal kostatazzjoni tan-nuqqas jew tal-ħsara rriporatata fil-merkanzija de quo".*

*Illi dan isir peress li meta trid issir konstatazzjoni tal-kwalita' tal-merkanzija, l-allegata mankanza jew difetti li setgħa fiha, jew dwar nuqqasijiet dwar l-istess merkanzija, il-Qrati tagħna konsistentement irritenew illi meta l-istess merkanzija tinsab hawn Malta, id-determinazzjoni tad-domiċilju reali, fejn trid issir l-eżami tal-istess merkanzija, huwa dejjem Malta, minħabba li jekk tali verifiki jsiru f'post ieħor, fejn ovvjament ma hemmx tali merkanzija, dan issir ħafna aktar diffiċli jekk mhux impossibbli. ("***Robert Bonello nomine vs Agostina Mifsud et nomine***". - K. S.S. 30 ta' April 1993- XXX D. iii. 373.- "Micallef et nomine vs Chev. Mifsud et nomine. - A.C. 26 ta' Ottubru 1991).*

*Illi tal-istess portata huma s-sentenzi "***Negoziante Andrea Gatt vs Negoziante Gustavo Gollcher***" (K. 14 ta' Novembru 1916 - XIII. iii. 484) fejn ingħad illi "il domicilio reale e' quello determinato dal luogo della scaricazione della merce trattandosi di una contestazione riguardo la mancanza della merce o la deficienza del peso di essa, fatti che possono solo accettarsi alla scaricazione, ed innanzi al tribunale del luogo di scaricazione che tali questioni possono agevolamente svolgersi e defenirsi".*

*Illi kien għalhekk u fuq dawn il-prinċipji li l-Qorti fil-kawża "Prokuratur Legali Edoardo Frendo vs Dottor Roberto Naudi et nomine" (A. K. 9 ta' Diċembru 1935 - XXIX E. i. 1317) sostniet li, nonostante il-klawsola dwar ġurisdizzjoni esklussiva ta' Qorti estera, din il-Qorti xorta għandha ġurisidizzjoni li tisma' l-każ, jekk dan ikun iktar kompattibbli għad-determinazzjoni tal-pendenza, u iktar faċli li tali kwistjoni tiġi eżaminata b'mod iktar prattiku, kemm għaliex l-oġġetti jkunu hawn Malta, u kemm għaliex tali sentenza tkun tista' tiġi esegwita hawn Malta. Fil-każ imsemmi, fil-fatt kien jittratta dwar konsenja ta' injam, li l-konvenut sostna li kienet ta' kwalita' inferjuri, u peress li tali merkanzija kienet Malta, mela allura l-istess Qorti kkonfermat il-ġurisdizzjoni tagħha. ("***Galea vs Hammer***" - XX.iii.32; - "***Pace vs Civitelli***" - XXI. iii. 71; "***Thomas vs Angeland***"*

*- K. 20 ta' Jannar 1975);* ***"P.L. Edoardo Frendo vs Dr. Robert Naudi"*** *- A.Ċ. 9 ta' Diċembru 1935.*

*Iżda kull każ għandu il-fattispeċje partikolari tiegħu u d-deskrizzjoni finali hija dejjem tal-Qorti. Sta għalhekk għall-attur li jikkonvinċi lill-Qorti għaliex huwa għażel li jissorvola l-klawsola ġurisdizzjonali fil-polza.*

*(......)*

*L-Artikolu 742 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jistabbilixxi min huma dawk il-persuni li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qrati Ċivili ta' Malta fejn jipprovdi illi:*

*'(1) Bla ħsara ta' fejn il-liġi tiddisponi espressament xort'oħra, il-Qrati Ċivili ta' Malta mingħajr ebda distinzjoni jew privileġġ, għandhom ġurisdizzjoni biex jisimgħu u jiddeċiedu l-kawżi kollha li jirrigwardaw il-persuni hawn taħt imsemmija:*

*(a) ċittadini ta' Malta, sakemm ma jkunux stabbilew id-domiċilju tagħhom band'oħra;*

*(b) kull persuna, sakemm jew għandha d-domiċilju tagħha jew tkun toqgħod jew tkun qegħda Malta;*

*(ċ) kull persuna, f'kawża dwar ħwejjeġ li qegħdin jew li jinsabu f'Malta;*

*(d) kull persuna li tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'Malta, iżda għall-kawżi biss li għandhom x'jaqsmu ma' dik l-obbligazzjoni u kemm-il darba dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(e) kull persuna illi, għalkemm tkun ikkuntrattat obbligazzjoni f'pajjiż ieħor, tkun ftehmet li għandha tesegwixxi dik l-obbligazzjoni f'Malta, jew tkun*

*ikkuntrattat obbligazzjoni illi bilfors għandu jkollha effett f'Malta, kemm-il darba, f'kull każ, dik il-persuna tkun tinsab Malta;*

*(f) kull persuna, għal kull obbligazzjoni li tkun ikkuntrattat favur ċittadin ta' Malta jew persuna li tinsab Malta jew korp li jkollu personalità ġuridika distinta jew assoċjazzjoni ta' persuni inkorporati jew li jiffunzjonaw f'Malta, meta s-sentenza tista' tkun esegwita f'Malta;*

*(ġ) kull persuna li tkun b'mod espress jew taċitu volontarjament qagħdet jew qablet li toqgħod għall-ġurisdizzjoni tal-qorti.'*

*Fil-kaz in kunsiderazzjoni n-negozju sar bejn ir-rikorrenti Cassar Fuel Limited li hija kumpanija Maltija u reġistrata hawn Malta u s-soċjeta' intimata AOT Trading AG li teżercita n-negozju minn ġewwa Zug, fl-Isvizzera. In-negozju kien jitratta x-xiri mir-rikorrenti ta' ħames mitt (500) tunnellata metrika ta' Gasoil bil-prezz ta' elf u disa' dollaru Amerikan ($1009.00) għal kull tunnellata metrika. Il-konsenja tal-ħames mitt (500) tunnellata metrika ta' Gasoil saret minn ġewwa l-faċilitajiet tal-Oiltanking Terminal Malta pero' jirriżulta li l-bunker Sacro Cuor 1 li fuq struzzjonijiet tas-soċjeta' rikorrenti mar sabiex iġorr il-Gasoil ordnat kellu kapaċita' ta' 365.469 tunnellata metrika u għalhekk anqas minn kemm kienet ordnat is-soċjeta' rikorrenti fl-ammont ta' 500 tunnellata metrika. Dan ifisser li s-soċjeta' rikorrenti skont il-ftehim bejn il-partijiet kien jonqosha tiġbor l-ammont ta' 134.531 tunnellata metrika ta' Gasoil li kellu l-valur ta' USD 135,741.78 ekwivalenti fil-munita tal-euro għal €120,136.10. Is-soċjeta' intimata tallega li s-soċjeta' attriċi ġiet interpellata sabiex tirtira r-rimanenti Gasoil, fejn dejjem skont is-soċjeta' intimata għal ewwel kien hemm qbil li ser jiġi meħud (ara email ta' Darren Marmara a fol. 62 u fol. 63 tal-proċess) madanakollu ftit wara s-soċjeta' attriċi talbet ir-rimbors tal-ammont (ara email a fol. 64 sa fol. 66 tal-proċess) u sussegwentament intavolat il-kawża odjerna sabiex tiġi rifuża l-ammont ta' €120,136.10.*

*(.......)*

*Hawn din il-Qorti jidrilha li deċiżjoni dwar il-kwistjoni jekk il-prodott ordnat jinsabx maħżun f'Malta jew le aktar tagħti lok li l-Qrati Ċivili ta' Malta għandhom ikollhom ġurisdizzjoni. Dan fid-dawl li l-provi kollha jinsabu Malta u jistgħu jiġu stabbiliti u rakkolti aħjar u b'akbar prattiċita' stante li l-merkanzija ġiet ikkunsinjata hawn Malta. In oltre l-kwistjoni jekk ir-rimanenti Gasoil fl-ammont ta' 134.531 tunnellata metrika jinsabx għand Oiltanking jew le tista tigi trattata aktar b'espedjenza mill-Qrati ta' Malta. Mill-banda l-oħra din il-Qorti għandha d-dubji tagħha kemm huwa aktar espedjenti u konvenjenti li kwistjoni bħal din tiġi trattata minn Qorti ohra f'pajjiż ieħor kunsidrat li l-maġġorparti tal-provi u xhieda jinsabu hawn Malta."*

Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u osservazzjonijiet oħra dik il-Qorti kienet iddeċidiet li l-klawsola ta' ġurisdizzjoni fit-termini u kundizzjonijiet bejn il-partijiet ma kinitx teskludi l-ġurisdizzjoni tal-Qrati Maltin milli jisimgħu l-każ.

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurispudenzjali, li l-Qorti tabbraċċja u tagħmel tagħha, jiġi rilevat li bħala fatt, l-apparat mertu tal-proċeduri odjerni jinsab f'Malta u għalhekk hemm rabta diretta mal-ġurisdizzjoni Maltija. Dan jingħad anke għall-finijiet prattiċi ta' produzzjoni ta' provi kif ukoll għall-ekonomija tal-ispejjeż. Jiġi sottolineat inoltre li ma hemm ebda preġudizzju għad-drittijiet tas-soċjeta' konvenuta stante li hija ġiet debitament notifikata bl-atti tal-każ

u kellha l-opportunita' kollha, jekk riedet, sabiex tressaq id-difiża tagħha għall-pretensjonijiet attriċi.

Kwindi meħuda ċ-ċirkustanzi kollha tal-każ, din il-Qorti tiddikjara li minkejja l-klawsola 12 tat-termini u kundizzjonijiet marbuta mal-kompro-vendita tal-apparta in kwistjoni, hija xorta għandha l-ġurisdizzjoni skont il-liġi sabiex tisma l-każ odjern.

Il-Qorti sejra għalhekk tipproċedi biex teżamina t-talbiet tas-soċjeta' attriċi.

**Fl-ewwel talba tagħha** s-soċjeta' attriċi titlob dikjarazzjoni mill-Qorti li l-apparat mertu tal-proċeduri odjerni ma huwhiex tal-kwalita' pattwita.

Mill-provi mressqa ntwera li saru numru ta' taħdidiet u konsultazzjonijiet bejn il-partijiet qabel ma nxtara l-apparat mis-soċjeta' attriċi. Is-soċjeta' attriċi xtrat l-apparat fuq direzzjoni tas-soċjeta' konvenuta li minn naħa tagħha ndikat l-apparat in kwistjoni bħala dak l-aktar adattat għall-esiġenzi partikolari tas-soċjeta' attriċi.

Kif irriżulta wkoll mill-evidenza mressqa, dan l-apparat sa mill-bidu nett immanifesta difetti u nuqqasijiet li – għalkemm vera kien hemm tentattiv da parti tas-soċjeta' konvenuta sabiex jiġu riżolti – baqgħu jippersistu tant li s-soċjeta' attriċi kienet kostretta li ma tużax dan l-apparat u llum huwa depożitat taħt l-awtorita' tal-Qorti. A skans ta' ripetizzjoni inutli ssir referenza għad-dikjarazzjoni ġuramentata fir-rikors promotur, għax-xhieda *viva voce* tar-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi u d-dokumenti mressqa li jagħtu stampa ampja kemm ta' x'wassal biex inxtara dan l-apparat partikolari kif ukoll tad-diffikultajiet u l-problemi tekniċi li nqalgħu wara x-xiri tiegħu mis-soċjeta' attriċi.

Is-soċjeta' konvenuta kellha l-obbligu, anke skont it-termini u l-kundizzjonijiet tal-bejgħ li tipprovdi prodott ta' kwalita' kummerċjali, iżda dan ma seħħx.

Għalhekk, a bażi tal-evidenza mressqa mis-soċjeta' attriċi, din l-**ewwel talba sejra tiġi milqugħa**.

**Fit-tieni talba tagħha** s-soċjeta' attriċi qegħda titlob lill-Qorti tordna x-xoljiment tal-ftehim milħuq bejn il-partijiet. In vista tal-fatt li l-ewwel talba ġiet milqugħa, l-konsegwenza hija r-rexissjoni tal-ftehim imsemmi. **Din it-talba sejra tiġi milqugħa.**

Għal-istess raġunijiet **sejra għalhekk tintlaqa wkoll it-tielet talba** għar-rifużjoni tas-somma kollha nvoluta fix-xiri, trasport, installazzjoni u żmantellar tal-apparat, li fit-total tagħha ammonta għal 28,700 Lira Sterlina. Jiġi nnutat ukoll li minkejja li qabel ma ntavolat il-proċeduri odjerni s-soċjeta' attriċi bagħtet ittra legali lis-soċjeta' konvenuta għar-rifużjoni tas-somma msemmija, din ta' l-aħħar baqgħet inadempjenti filwaqt li ma kkontestatx il-pretensjonijiet attriċi.

Irriżulta wkoll mill-provi li s-soċjeta' attriċi ddepożitat l-apparat in kwistjoni ġewwa garaxx taħt l-awtorita' tal-Qorti u għalhekk il-pretensjoni tagħha li tiġi rimborsata għall-ispejjeż marbuta ma' dan id-depożitu u l-assikurazzjoni tiegħu hija ġustifikata. **Ir-raba' talba sejra tintlaqa' wkoll**.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi tilqa' t-talbiet attriċi kif dedotti bl-ispejjeż kontra s-soċjeta' konvenuta.**

**Onor. Dr. Miriam Hayman LL.D.**
**Imħallef**

**Victor Deguara**
**Dep. Reġ.**